# Kunsill Lokali Ta' Kerċem

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem

ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 19

It-Tlieta, 3 ta' Ġunju, 2025

Il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fiċ-Ċentru Ċiviku, Pjazza Orvieto, Ta' Kerċem, fin-12.30pm.

PREŻENTI:

Mario Azzopardi – Sindku
Abigail Micallef – Viċi Sindku
Jonathan Mercieca – Kunsillier
Frankie Attard – Kunsillier

SKUŻATI:

Frankie Attard – Kunsillier
Horace Vella – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marianne Sagona – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Mario Azzopardi ippresjieda l-Laqgħa.

## 19.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

Il-Kunsilliera Frankie Attard u Horace Vella talbu li jkunu skużati mil-laqgħa tal-lum. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

## 19.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Inqraw il-minuti tal-laqgħat numru 16, 17 u 19. Dawn ġew approvati u iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 19.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

19.3.1 Dwar l-attivita' 'Għad-Dell tal-Akwadott' saret stima u wara li ġiet riveduta ntlaħqet l-istima ta' Eur28,000. Sar qbil illi l-MAFA tohroġ 75% u l-Kunsill iħallas il-bqija ta' 25%.

19.3.2 Konna tlabna estensjoni sat-30 ta' Ġunju 2025 lill-GAGF dwar il-proġett 'Frott il-Qamħ u l-ilma ġieri', liema talba ġiet aċċettata.

19.3.3 Il-Kumitat tal-Festa qed jitlob illi l-Kunsill Lokali iħallas il-band u l-bouncing castle tal-festa tat-tfal. Is-Sindku qal li issa l-Kunsill sab format ta' kif jgħin lill-Għaqdiet u issa rridu nżommu l-bilanċ peress li kull għaqda qegħda diġa' tgawdi fl-attivitajiet li qed itella' l-Kunsill. Il-Viċi Sindku qablet illi veru li issa l-Kunsill qed jgħin ħafna bil-mod li qal is-Sindku. Il-Kunsillier Jonathan Mercieca qal li tajjeb li din il-materja tiġi deċiża waqt li jkun hawn kulħadd preżenti għal laqgħa. Għalhekk ġie deċiż li d-deċiżjoni tittieħed fil-laqgħa li jmiss.

19.3.4 Saret talba mill-Fondazzjoni Klula sabiex tingħata xi tip ta' għajnuna mill-Kunsill Lokali għall-Wine Festival. Is-Sindku ssuġġerixxa li f'dan il-każ, peress li din il-Fondazzjoni ma tagħmilx parti mill-Għaqdiet, u għalhekk, ma tgawdix mill-attivitajiet li jsiru matul is-sena, huwa tal-idea li l-Kunsill iħallas is-servizz tal-Pulizija għall-attivita'. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

19.3.5 Tlabna l-permess sabiex isir żbir fuq siġar fi Triq Kerċem u anke xi ħarrub fi Triq Għajn Tuta u l-ERA approvat tali permess.

19.3.6 Dwar id-dwal ta' Ġnien il-Familja, is-Sindku qal li għaddejjin bi prova sabiex naraw jistgħux jitranġaw id-dwal it-twal tal-pannelli u qabbadna lill-Ing. Simon Mizzi sabiex jara hemmx xi mod li jitranġaw. Jekk ma jkunux jistgħu jitranġaw ser ikollna nbiddluhom u ngħaddulhom id-dawl dirett.

19.3.7 Dwar l-attivita' Minn Pjazza għal Pjazza għandna laqgħa mal-koordinaturi tal-proġett sabiex niddiskutu eżatt x'ser isir. Din l-attivita' ser tkun qed issir fil-ġimgħa

ta' bejn l-20 u l-24 ta' Ottubru 2025 u jekk it-temp jippermetti ser ikun possibli li wieħed ikun jista' jara l-Orion meteor showers mill-Għadira.

19.3.8 Saret Mistoqsija Parlamentari 28906, fejn l-Onor Carmelo Mifsud Bonnici staqsa hekk: 'B'referenza ghat-twegiba tal-mistoqsija parlamentari 4095, jista' l-Ministru jgħid xi progress sar fir-rigward tal-proġett tal-Għadira ta' San Raflu f'Kerċem? Il-Kunsill Lokali wieġeb hekk: Ninfurmak illi dan il-proġett tlesta permezz ta' fondi tal-Unjoni Ewropeja u qed jitgawda mill-pubbliku.

## 19.4 Attivita' 'Melodija u l-Benna Maltija'

Is-Sindku qal li l-preparamenti għaddejjin u qed naħdmu mal-Għaqdiet.

## 19.5 Approvazzjoni tar-rapport ta' evalwazzjoni tal-offerta KCM/01/2025 – Embellishment of Playing Field

Is-SE ippreżentat ir-rapport tal-offerta msemmija hawn fuq u ġie deċiż illi tingħata lil Mark Attard hekk kif ġie ssuġġerit mill-bord.

## 19.6 Ħaddiema assenjati mal-Kunsill Lokali

Is-Sindku spjega ftit illi f'dawn l-aħħar jiem wieħed mill-ħaddiema avviċina lill-Kunsillier Jonathan Mercieca u beda jgħidlu li għandu problema għaliex sema li xi ħadd ser jeħodlu postu li għandu assenjat mal-Kunsill. Dan il-ħaddiem avviċinah is-Sindku fil-preżenza ta' Jonathan Mercieca u l-problema ssolviet peress li rriżulta li dan kien ħafna paroli bla bażi. Apparti hekk, missier wieħed mill-ħaddiema ċempel lis-Sindku fejn beda jilmenta illi ibnu għandu ħafna xogħol u ma jistax ikun li jagħmel dak li kien għadu kemm qabdu jagħmel. Is-Sindku qal li qed jgħid dan kollu sabiex il-Kunsill ikun jaf x'qed jiġri hemm barra iżda l-Kunsill ma jistax ma jqabbadx il-ħaddiema għax-xoghol t'hemm barra.

## 19.7 Miżura 3 – Attractions and Innovative Events for all Seasons

Is-Sindku spjega illi l-proġett issa tlesta u bgħatna l-claims kollha.

## 19.8 Festa 2025

Is-Sindku qal li bħas-soltu qed nikkollaboraw flimkien mal-Għaqdiet. Ġie diskuss kif ser jitħaddem il-Park and Ride. Ġie deċiż li għal din is-sena isir il-Ħamis u s-Sibt u

naraw kif immorru.  Ser isiru ukoll tabelli tal-P&R, inġibu parker, minibus, u anke uffiċjal ta' TM għall-Ħamis u s-Sibt.

## 19.9 Ilmenti u Suġġerimenti

Il-Kunsillier Jonathan Mercieca ressaq dawn is-suġġerimenti:

- Biex jinqata' l-bużbież f'Wied il-Mans;
- Biex jerġgħu isiru l-bollards fil-kantuniera bejn Triq l-Avukat Anton Calleja u Triq San Pietru u San Pawl.

## 19.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti.

## 19.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-Laqgħa ntemmet fis-2.15pm u ġiet aġġornata għat-30 ta' Ġunju 2025, fin-12.30pm.

IFFIRMATA

Mario Azzopardi
Sindku

IFFIRMATA

Marianne Sagona
Segretarju Eżekuttiv